

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-8 ta' April 2016 (Każ R 2699/2014-4) dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Kaane American International Tobacco u Global Tobacco.

Dispożittiv

- 1) Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors.
- 2) Kull parti għandha tbat l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 279, 1.8.2016.

**Digriet tal-Qorti Ĝeneralni tal-14 ta' Diċembru 2017 – Lackmann Fleisch- und Feinkostfabrik vs
EUIPO (Национальный Продукт)**

(Kawża T-246/17) (¹)

(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva
Национальный Продукт — Ksur tar-rekwiżiti formali — Artikolu 177(1)(d) u (e) tar-Regoli tal-
Proċedura — Inammisibbiltà manifesta”)

(2018/C 063/17)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Lackmann Fleisch- und Feinkostfabrik GmbH (Bühl, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Lingenfelser, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentant: D. Walicka, aġent)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Frar 2017 (Każ R 1017/2016-1), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv Национальный Продукт bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Lackmann Fleisch- und Feinkostfabrik GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 195, 19.6.2017.

**Rikors ippreżentat fit-28 ta' Novembru 2017 – Medora Therapeutics vs EUIPO – Biohealth Italia
(LITHOREN)**

(Kawża T-776/17)

(2018/C 063/18)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Medora Therapeutics LTD (Halandri, il-Greċja) (rappreżentant: S. Santos Rodríguez, avukat)